MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1793/2001/1

**Pauline Debono.**

**Vs**

**Liaco Limited Et.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-19 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu l-attrici esponiet:

Illi in forza ta’ sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti wara l-kawza fl-ismijiet *Pauline Debono vs. Anthony Lia bhala*

*Direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Liaco Limited" u l-istess Anthony Lia personalment Cit. Nru. 1070/93JF,* deciza fit-18 ta' Marzu 1996, gie deciz illi l-intimati kkommettew spoll a dannu tal-esponenti billi okkupaw porzjoni ta' art mill-artijiet maghrufa "tar-Ram", b'faccata fuq Mosta Road, Lija, li l-esponenti ghandha l-pussess taghha. Kopja tal-imsemmija sentenza qed tigi hawn annessa u markata bhala Dok. 'A'.

Illi l-intimati gew ikkundannati jispurgaw l-ispoll terminu perentorju ta' tlett xhur mid-data tal-imsemmija sentenza, u fin-nuqqas, l-esponenti giet awtorizzata taghmel ix-xogholijiet necessarji hija stess a spejjez tal-kontro-parti, u b'dan illi f'kull kaz ix-xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-A.I.C. David Pace a spejjez tal-intimati.

Illi l-intimati naqsu milli jispurgaw l-ispoll fit-terminu lilhom prefiss u x-xogholijiet necessarji ghal dan il-ghan ghadhom, sal-gurnata tal-llum, ma twettqux.

Illi mid-data ta' l-imsemmija sentenza u cioe' fit-18 ta' Marzu 1996 sa llum ghaddew aktar minn hames snin ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-imsemmija sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti wara l-kawza fl-ismijiet *Pauline Debono vs. Anthony Lia bhala Direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Liaco Limited" u l-istess Anthony Lia personalment Cit Nru. 1070/93JF, deciza fit-18 ta' Marzu 1996, billi taghmel hija stess ix-xogholijiet necessarji sabiex jigi spurgat l-ispoll, taht is-supervizjoni u direzzjoni tal-A.I.C. David Pace, a spejjez tal-intimati.*

Rat li l-intimati fir-risposta taghhom eccepew illi:

1. Illi r-rikors ta' Pauline Debono huwa vessatorju, m'hux biss ghaliex ix-xogholijiet eseguiti mill-esponenti proprio et nomine qatt ma gew kontestati jew imwaqqfa minn Pauline Debono, izda dawk ix-xogholijiet ilhom li saru, u saru skond il-pretensjoniji ta li stess Pauline Debono u a tenur ta' dak li huwa kontenut fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 1996.

2. Illi wara dan iz-zmien kollu Pauline Debono qatt ma oggezzjonat ghal mod kif saru dawk ix-xogholijiet.

3. Illi skond l-annessa kopja ta' pjanta, firmata mill-istess Pauline Debono “Dok A”, il-passagg minna pretis sar skond il-pretensjoni taghha u ghadu hemm sallum, a disposizjoni taghna biex tusah.

4. Illi din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tisma' ix-xhieda ta' Anthony Lia, tal-Perit Andre' Zammit, tikkonsidera il-kontenut tal-kuntratt tat-12 ta'April, 1991 in atti Dottor Anthony Gatt, u tat-12 ta' Dicembru 1992 in atti Dottor Anthony Gatt, u tal-pjanti maghhom annessi, u tinnomina perit biex jivverifika l-fatti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjes wara li semghet lix-xhieda u l-Avukati tal-partijiet u wara li giet presentata nota ta' cessjoni dwar il-mertu.

Illi il-mertu ta' din il-kawza gie esawrit billi fil-mori tal-kawza ix-xoghlijiet mitluba mir-rikorrent saru a sodisfazzjon taghha tant li hija cediet it-talba taghha dwar il-mertu.

Ghandu jinghad li skond ir-rapport tal-perit tekniku li gie presentat fl-20 ta' Jannar 2004 ix-xoghlijiet li kellhom isiru skond is-sentenza in kwistjoni kienu ghadhom ma sarux sa dak in nhar li l-istess perit accede fuq il-fond. Meta rega acceda

pero’ hu seta’ jikkonstata li dawn saru, kif xehed fis-seduta tas-7 ta’ Lulju 2004.

Id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjes ghandha tittiehed ghalhekk a bazi ta’ dawn il-fatti. Ir-rikorrenti kienet in effetti gustifikata li tibda dawn il-proceduri minhabba li s-sentenza ma kienitx giet esegwita kif kellha tkun.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-rikorrent fuq imsemmija, tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------